**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 5 ta’ Marzu 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Ronald Azzopardi**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ronald Azzopardi ta’ 32 sena, iben Raymond u Maria Concetta xebba Portelli, imwieled l-Pieta', Malta nhar is-6 ta' Dicembru 1987, residenti gewwa l-fond 2, Eagle, Triq Il-Qasam Industrijali, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita numru 565187(M), akkuzat talli:

1. Nhar is-sebgha (7) ta’ Settembru elfejn u ghoxrin (2020) bejn il-hdax ta’ filghodu (11:00hrs) u s-siegha u nofs ta’ wara nofsinhar (13:30hrs) gewwa l-Buskett, Malta u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin, seraq zewg barbagani, liema serq jammonta ghall-madwar hames mitt euro (500 euro) ghad-dannu ta’ l-F.K.N.K. u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, li ma jeccediex l-elfejn tlett

mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel interventi kirurġiċi għal raġunijiet ta' tibdil tal-apparenza tal-annimal, li fihom tneħħew jew sar ħsara lil xi parti jew partijiet tal-annimali.

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra fil-Kodici Kriminali.

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-mitejn u hamsin euro (250 euro) izda inqas minn elfejn u hames mitt euro (2,500 euro)

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi giegħel annimali isofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex jithallsu l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat [sic] fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex titratta ma' Ronald Azzopardi bhala persuna ricediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

    1. Fit-8 ta' Settembru 2020 ghal habta tad-disgha u hamsa u ghoxrin minuta ta' fil-ghodu (09.25hrs), Lucas Micallef, il-public relations officer tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) irrapporta lill-Pulizija li dak-inhar fil-ghodu waqt li kien qed jghalef numru ta' barbagani li jinsabu go guvi hdejn ir-Razzett tal-Baghal gewwa l-Buskett, innota tieqa mkissra f'wahda mill-guvi u kien hemm xi barbagani neqsin. Dawn il-barbagani jifformaw parti minn progett tal-Federazzjoni ghar-ri-introduzzjoni tal-barbagan fl-ambjent naturali Malti.

    2. Mill-filmati tac-CCTV li Lucas Micallef ta lill-Pulizija jidher li fis-7 ta' Settembru 2020, ghal habta ta' nofs-inhar u ghoxrin (12:20hrs), ragel liebes flokk orango tal-Environment Landscape Consortium (ELC) ta' taht fuq u ta wara quddiem qala' c-chicken wire li kien hemm ma' tieqa tal-guva u qabez ghal gewwa l-guva. Dan ir-ragel kellu xi tattoos fuq id wahda u fuq saqajh. Huwa qabad barbagan, nehhielu l-pinen primarji mill-genwah tal-lemin, tefghu barra mit-tieqa, u rega' hareg.

    3. Il-Pulizija ircevew informazzjoni kunfidenzjali li din is-serqa saret mill-imputat, li dak iz-zmien kien jahdem mal-ELC u li wkoll ghandu tattoos fuq idu u fuq saqajh.

    4. Ghaldaqstant, l-imputat gie arrestat u ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

6. Kif sewwa irrilevat id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni qed issejjes dan il-kaz fuq provi cirkostanzjali. Ghaldaqstant, il-Qorti thoss li jkun opportun, li qabel xejn tirriferi ghal xi sentenzi dwar il-livell ta' provi li l-Prosekuzzjoni trid tilhaq fi proceduri kriminali.

7. Il-Qorti tibda billi tirriferi ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2013, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"Jinghad fil-bidu nett li mkien fil-Ligi ma tobbliga lill-Qorti li hija tkun certa minghajr ombra ta' dubju dwar htija o meno ta' akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-Ren Divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghal fini ta'gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq il-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza. ... ...*

*Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, adirittura impellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat, u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari, izda jkollok diversi indizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*[2]

8. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, deciza fil-5 ta' Dicembru 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) [3] irrimarkat hekk:

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-*

---

[1] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[2] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza fit-8 ta' Novembru 2014 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) *per* Imhallef Michael Mallia.
[3] *Per* Judge Vincent De Gaetano.

*raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374)."*

9. Il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' kull imputazzjoni fid-dawl ta' dan l-insenjament.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Serq ikkwalifikat ta' zewg barbagani*

10. Mill-provi migbura jirrizulta li fiz-zmien rilevanti, il-haddiema tal-ELC kienu jilbsu flokk orangjo u maskla orangjo sabiex tipprevjeni kontra l-pandenimija tal-covid.[4] Fil-filmat il-halliel jidher liebes flokk orangjo tal-ELC, pero kien milbus ta' taht fuq u ta' wara quddiem – ovvjament sabiex ma jidhirx il-logo tal-Consortium fuq il-flokk, li pero xorta jista' jingharaf mill-istills tal-filmati tac-CCTV.[5] Il-halliel kien liebes ukoll maskla orangjo u kellu flokk orangjo iehor imdawwar ma' rasu.

11. Dak iz-zmien l-imputat kien jahdem mal-ELC, consortium li *inter alia* kien jiehu hsieb il-manutenzzjoni tas-sigar tal-Buskett. Dak in-nhar tal-incident, cioe fis-7 ta' Settembru 2020, kien moghti doveri gewwa l-Buskett bejn nofs-in-nhar (12.00hrs) u circa s-saghtejn u nofs ta' wara nofs-inhar (14:300hrs)[6], flimkien ma' zewg haddiema ohra,

---

[4] Ara xhieda ta' Norman Mifsud, human resources manager tal-ELC, a fol. 29 tal-process.
[5] Ara l-istill fid-Dok LM1 a fol. 27 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Norman Mifsud, human resources manager tal-ELC, a fol. 29 tal-process, u Dok NM1 a fol. 37 tal-process, u x-xhieda ta' Joseph Aquilina a fol. 62 tal-process, u ta' Christian Camilleri a fol. 70 tal-process.

Joseph Aquilina u Christian Camilleri.[7] Ghalhekk jirrizulta li mhux biss fil-gurnata izda wkoll fil-hin li fih sehhet is-serqa – ghal habta ta' 12:20hrs - l-imputat kien il-Buskett.

12. L-imputat ghandu tattoo fuq idu ix-xellugija, u tattoos fuq iz-zewg saqajn.[8] Il-halliel ukoll kellu tattoo fuq idu x-xellugija u fuq iz-zewg saqajn.[9] Il-Qorti setghet tikkonstata li t-tattoo tal-imputat fuq idu x-xellugija u t-tattoo fuq siequ ix-xellugija huma prattikament identici ghal dawk li ghandu l-halliel fuq l-istess partijiet ta' gismu. Il-Qorti ma setghetx tikkumpara t-tattoo fuq is-sieq leminija tal-imputat mat-tattoo fuq is-sieq leminija tal-halliel, ghax ghalkemm fl-istill hu car li l-halliel ghandu tattoo f'din is-sieq ukoll u li z-zewg tattoos huma ta' circa l-istess daqs, id-dettalji ta' din it-tattoo mhux identifikabbli mill-istill,.

13. Joseph Aquilina xehed li l-imptutat allarga minn hdejhom ghal circa xi nofs siegha.[10] Min-naha l-ohra Christian Camilleri jghid li l-imputat allarga minn hdejhom ghal circa hames minuti.[11]

14. Christian Camilleri xehed li l-imputat hu dilettant tal-ghasafar.[12]

15. Fit-tfixxija li saret fir-residenza ta' l-imputat, kien hemm numru ta' gageg b'diversi ghasafar u ghasafar ibbalzmati.[13]

16. Id-difiza tissottometti li dawn il-provi cirkostanzjali ma humiex univici li kien l-imputat li ikkometta din is-serqa. Id-difiza tghid li mill-provi jirrizulta li l-ELC ghandha mat-tlett mitt (300) impjegat, u hemm hafna minnhom ghandhom tpingija. Ghalhekk skond id-difiza seta' kien xi impjegat iehor li ma kienx qed jahdem il-Buskett dak il-hin - li pero kien konxju li kien hemm haddiema ohra tal-ELC qed jahdmu l-Buskett, li ikkommetta dan ir-reat. Id-difiza tghid ukoll li l-imputat warrab ghal xi hames minuti biss minn ma' shabu, hadd minn shabu ma qal li rah b'xi barbagan jew b'xi borza suspettuza f'idu, u t-tliet haddiema telqu mill-Buskett flimkien bl-istess vettura. In

[7] Ara x-xhieda ta' Joseph Aquilina a fol. 62 tal-process, u ta' Christian Camilleri a fol. 70 tal-process.

[8] Ara r-ritratti ezebiti bhala Dok RA7 a fol. 159 tal-process.
[9] Ara l-istills ezebiti bhala Dok RA8 a fol. 160 tal-process.
[10] Ara fol. 65 tal-process.
[11] Ara fol. 70 tal-process.
[12] Ara fol. 75 tal-process.
[13] Ara xhieda tal-iSpettur Andy Rotin a fol. 179 tal-process.

oltre, mit-tfittxija li ghamlet il-Pulizija fir-residenza tal-imptutat, fl-eghlieqi tieghu u fil-vettura tieghu, ma nstabet l-ebda tracca li wiehed jista' jirrelataha mas-serqa ta' barbagan.

17. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tad-difiza, u fl-opinjoni konsiderata taghha l-provi cirkostanzjali fuq elenkati huma univoci u kollha jippuntaw f'direzzjoni wahda – u cioe li kien l-imputat li ikkommetta din is-serqa. L-ipotezi tad-difiza li seta' kien hemm xi haddiem iehor tal-ELC li ikkommetta dan ir-reat, hija wkoll mxejna bid-dikjarazzjoni tal-imputat stess li minkejja li kien ilu jahdem mal-ELC seba' xhur,[14] iddikjara, waqt l-interrogatorju tieghu, li ma kien jaf lill-ebda haddiem iehor li kellu xi tattoo bhal tieghu.[15]

18. Ghaldaqstant, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li kien l-imputat li ikkommetta din is-serqa.

19. L-imputat gie mixli li din is-serqa hija kwalifikata bil-mezz, bil-valur u bin-natura tal-haga misruqa.

20. Mill-provi jirrizulta li sabiex ikkommetta din is-serqa, l-imputat, qala' c-chicken wire li kien imwahhal mat-tieqa tal-guva, ixxabbat mal-istess guva, u dahal gewwa. Huwa ghatta wiccu kompletament billi libes maskra tal-covid orangjo u dawwar flok iehor orangjo ma' rasu, sabiex b'hekk ghajnejh biss kienu jidhru. Ghaldaqstant, jirrizulta ampjament li din is-serqa hija ikkwalifikata bil-mezz.

21. Fix-xhieda tieghu l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Roderick Attard jghid li insterqu zewg barbagani. Ghalkemm Luca Micallef ma jghidx espressament hekk, fix-xhieda tieghu hu jitkellem fuq l-ghasafar fil-plural. Pero mil-filmat tas-CCTV jirrizulta car li l-imptutat seraq barbaggan wiehed biss.

22. Luca Micallef xehed li par barbaggani jiswew hames mitt Euro (€500).[16] Pero l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova indipendenti tal-valur tal-barbagani. Dan huwa iktar rilevanti ghal kaz odjern, fejn ladarba insteraq barbagan wiehed biss, dan ifisser li skond ix-xhieda ta' Luca Micallef, dan jiswa mitejn u hamsin Euro (€250). Sabiex is-

[14] Ara Dok NM2 u Dok NM3 a fol. 38 u a fol. 39 rispettivament tal-process.
[15] Ara fol. 157 tal-process.
[16] Ara fol. 24 tal-process.

serq ikun ikkwalifikat bil-valur, il-valur tal-oggett misruq irid jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) – ammont li huwa ftit Euro biss inqas mill-valur attribwit minn Luca Micallef ghal kull barbagan. F'dan l-istat tal-provi, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-valur tal-barbagan kien jeccedi €232.94, u li konsegwentement, din is-serqa hija ikkwalifikata bil-valur.

23. L-imputat gie mixli wkoll b'serqa ikkwalifikata bix-xorta tal-haga misruqa. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni ma semmietx xejn fuq din il-kwalifika. Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni qed tistrieh fuq dak li jippreskrivi l-Artikolu 271(c) tal-Kodici Kriminali, u cioe meta s-serq ikun ta' *"kull xorta li tkun ta' bhejjem, kbar jew żgħar, f'mergħa, f'razzet jew stalla, jekk il-valur ta'dawn il-bhejjem ma jkunx anqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33)".* Hawn tqum il-kwistjoni jekk barbagan jistghax jigi ikkunsidrat bhala bhima. It-test Ingliz tal-istess disposizjoni tal-ligi jitkellem fuq *"cattle"*, fil-waqt li l-verzjoni originali Taljana tal-Kodici Kriminali titkellem fuq *"bestiame."*[17]

24. Fid-dawl tas-suespost, huwa car li ghasfur bhal barbagan ma jaqghax fid-definizzjoni ta' bhima, u konsegwentement dan is-serq mhux ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa.

25. Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz biss, u mhux qed issibu hati ta' serq ikkwalifikat bil-valur u min-natura tal-haga misruqa.

<u>*It-Tieni Imputazzjoni: Ir-Reat ta' Interventi Kirurgici fuq annimal*</u>

26. It-tieni imputazzjoni hija li l-imputat ghamel intervent kirurgigu biex ibiddel l-apparenza ta' annimal, li fihom tnehhew jew sar hsara lil xi parti tal-annimal.

27. Il-Qorti ma ghandhix ezitazzjoni tghid li din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-provi. Huwa vera li fil-filmat tac-CCTV l-imputat jidher qed inehhi il-pinen primarji mill-genwah tal-lemin tal-barbagan, pero dan ma jammontax ghal intervent kirurgiku.

[17] Ara Artikolu 256(3) tal-Proklamazzjoni Numru 1 tal-1854, li biha promulgat il-Kodici Kriminali.

Sabiex ikun hemm intervent kirurgiku jrid ikun hemm incizjoni fil-gisem ossia laham tal-annimal.

28. Ghaldaqstant, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

*It-Tielet Imputazzjoni: Ir-Reat ta' Vjolazzjoni ta' proprjeta*

29. It-tielet imputazzjoni hija li l-imputat ikkommeta reat kontra l-proprjeta ta' haddiehor, mhux imsemmi f'xi parti ohra tal-Kodici Kriminali.

30. Huwa ovvju li din l-imputazzjoni tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq u tar-raba' imputazzjoni ta' hsara volontarja.

31. Ladarba l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imptuazzjoni ta' serq ikkwalifikat, hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

*Ir-Raba' Imputazzjoni: Hsara Volontarja fuq il-Proprjeta*

32. Ir-raba' imputazzjoni hi li l-imputat ikkommetta hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor li teccedi l-mitejn u hamsin Euro (€250) izda li hija inqas minn elfejn u hames mitt Euro (€2500).

33. Mix-xhieda ta' Lucas Micallef jirrizulta li meta l-imputat qala' c-chicken wire tat-tieqa tal-guva, sabiex jidhol fl-istess guva, huwa ikkaguna danni lit-tieqa. Huwa qal li saret stima tal-hsara li saret, u dan sabiex it-tieqa tigi irrangata,[18] imma la esebixxa l-istess stima, u wisq inqas ma ipprezenta l-ircevuta finali tal-ispejjez effettivament inkorsi sabiex tigi imsewwija din il-hsara.

34. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ghalkemm mill-filmat tac-CCTV jirrizulta li l-imputat ikkaguna xi hsara lit-tieqa li sgassa, mill-provi ma irrizultax li din il-hsara teccedi €250.

---

[18] Ara fol. 21 tal-process.

35. Konsegwentement il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, izda qieghda minflok issibu hati li ikkaguna hsara volontarja li ma teccedix €250, u dan ai termini tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

_Il-Hames Imputazzjoni: Ir-Reat ta' Mohqrija tal-annimali_

36. Il-hames imputazzjoni hija li l-imputat gieghel annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq bla bzonn.

37. Fir-rapport tieghu, l-espert veterenarju Dottor Luke Sultana – wara li ezamina l-filmat tac-CCTV - jghid hekk:[19]

*"L-ewwelnett il-barbagani mrobbijin f'dik il-guva jidhru li ma kienux imdorrija man-nies u ghalhekk il-presenza tar-ragel li dahal hdejhom u pprova jaqbadhom ipprovokat reazzjoni ta' biza'. Fil-fatt wiehed jista' josserva dawn l-ghasafar itiru b'mod allarmat biex jevitaw l-istess ragel. ... ...*

*It-tieni punt huwa li meta wiehed minn dawn l-ghasafar inqabad u inzamm b'certu immanigjar, gie espost ghal sitwazzjoni ta' stress akuta bla bzonn. ... ...*

*Fl-ahharnett il-persuna li hatfet il-barbagan dehret tigbidlu r-rix primarji (primary flight feathers) ta' fuq gwienhajh presumibilment biex b'hekk ma jkunx jista' jtir. Din l-azzjoni bla dubju ikkawzat ugiegh lill-ghasfur ... ... Meta mbaghad l-istess ghasfur bla rix primarji twaddab barra mill-guva, nistghu nissaponu li wegga' kif laqat l-art."*

38. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, il-Qorti hija tal-fehma li l-prezenza tal-imptutat fil-guva ikkaguna dwejjaq lill-barbagani ghaliex allarmathom kif jirrizulta mill-filmat. Imbaghad l-mod ta' kif l-imputat qabad il-barbagan, imaniggah u nehhilu l-pinen primarji ikkaguna lil dak il-barbagan dwejjaq, ugiegh u tbatija bla bzonn fit-termini tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

39. Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni.

---

[19] Ara Dok LS1 a fol. 197 tal-process.

*L-Addebitu tar-Recidiva*

40. L-imputat gie mixli wkoll li huwa recidiv fit-termini tal-Artikoli 49, 50 u 248 tal-Kodici Kriminali.

41. Il-Prosekuzzjoni ezebiet zewg sentenzi kontra l-imputat moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta,[20] fejn l-imputat instab hati ta' diversi reati ta' serq ikkwalifikat. Dawn iz-zewg sentenzi huma awtentikati u l-konnotati tal-imputat imsemmi fihom jaqblu ma' dawk tal-imptutat odjern. Franklin Calleja, l-Assistent Registratur ta' din il-Qorti ikkonferma bil-gurament tieghu li ma kienx hemm appell minn dawn iz-zewg sentenzi.[21]

42. Ghaldaqstant, dan l-addebitu tar-recidiva gie debitament ippruvat skond il-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

43. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta li l-imputat ghandu erba' kundanni minn dawn il-Qrati: wahda ghal diversi ksur tal-ligijiet dwar iz-zamma tal-armi tal-kacca, u t-tlieta l-ohra ghal diversi serq ikkwalifikat. L-ahhar kundanna tieghu kienet fis-sena 2013, li biha hu inghata piena ta' sitt snin habs effettivi.

44. Jidher li mis-sena 2013, huwa ma regghax kellu izjed kundanni minn dawn il-Qrati. Ghalhekk jidher li wara perjodu pjuttost twil ta' inkarcerazzjoni, l-imputat issa irnexxielu jzomm certu stabbilita f'hajtu, wara zmien pjuttost kaotiku. Il-Qorti hija tal-opinjoni li dan il-progress fil-hajja tal-imputat ghandu jigi rikonoxxut, u ghal din ir-raguni mhux ser timponi piena ta' habs effettiva.

[20] Ara fol. 181 u fol. 184 tal-process.
[21] Ara fol. 191 tal-process.

**Konkluzjoni**

45. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddiciedi billi:

1. Issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni, u qed tilliberah minnha;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni fil-konfront tieghu;

3. Wara li rat l-Artikoli 261(b), 263(a) u (b), 278(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni ta' serq imma limitatament bil-kwalifika tal-mezz, u ma issibux hati ta' serq bil-kwalifika tal-valur u tax-xorta tal-haga misruqa, u qed tilliberah minn din l-imputazzjoni limitatament in kwantu hu mixli b'serq ikkwalifikat b'dan l-ahhar zewg kwalifiki imsemmija.

4. Issib lill-imputat mhux hati tar-raba' imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, izda issibu minflok hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, liema reat huwa kompriz u involut f'din ir-raba' imputazzjoni.

5. Wara li rat l-Artikoli 8(2) u 45(1)(a) tal-Kapitilu 439 u tal-Artikoli 49, 50 u 249 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni dedotta kontra tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva.

6. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghall-piena karcerarja ta' sena, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. In oltre, il-Qorti qed tikkundanna l-hati ghal hlas ta' multa ta' erbat elef u hames mitt Euro (€4500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 t'April 2025, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

8. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mija u disa' u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€599.75), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

46. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza, u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**